



Brussell, id-9 ta' April 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ ratifikat¹ li jstabilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")². Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"³.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, l-operaturi li jwettqu attivitajiet ta' sajd u kwalunkwe attività relatata ma' kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-ktajjen tal-bejgħ bl-immnut ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju, li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-Politika komuni tas-sajd ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. B'mod partikolari, dan għandu l-konsegwenzi li ġejjin⁴:

1. KONTROLL U INFURZAR

F'konformità mal-liġi internazzjonali tal-baħar, il-bastimenti tas-sajd li jixtiequ jwettqu attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz huma meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni tas-sajd minn dak il-pajjiż terz. Barra minn hekk,

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

⁴ Din in-notifika ma tindirizzax aspetti relatati mat-trasport marittimu, inkluż is-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd (għal dawn l-aspetti, ara "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport marittimu"), il-kwalifiki tal-baħħara (għal dawn l-aspetti ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara u r-rikonnoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara"), u t-tagħmir marittimu (għal dawn l-aspetti, ara, "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti indusrijali") (https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en).

il-bastimenti tas-sajd li jwettqu attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiż terz huma soġġetti għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-istat kostali kkonċernat u għalhekk jistgħu ikun suġġetti għal attivitajiet ta' kontroll u ta' infurzar imwettqa mill-awtoritajiet tal-istat kostali kkonċernat. L-Istat tal-bandiera huwa responsabbli għal monitoraġġ diliġenti, inkluż permezz ta' skemi ta' awtorizzazzjoni, tal-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu meta joperaw f'ilmijiet ta' pajjiż terz, biex jiżguraw li attivitajiet bħal dawn ma jipperikolawx is-sostenibbiltà tal-istokkijiet fl-ilmijiet tal-istat kostali u jkunu konsistenti mar-regoli ta' konservazzjoni tal-istat kostali.

F'dan l-isfond, **id-dħul ta' bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiż terz** li jsir permezz ta' awtorizzazzjonijiet diretti, mogħtija mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terz, jaqa' taħt il-proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista mir-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni⁵. F'dan il-qafas, sakemm il-kriterji u l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament (UE) 2017/2403 jiġu rispettati, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jawtorizzaw il-bastimenti tagħhom biex jistadu taħt awtorizzazzjonijiet diretti bħal dawn f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 16 sa 18 tar-Regolament (UE) 2017/2403. Din il-proċedura teħtieġ li l-Kummissjoni tiġi notifika minn qabel u tagħti lill-Kummissjoni l-possibbiltà li toġġezzjona għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għas-sajd f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2403 jekk il-kundizzjonijiet stipulati fih ma jiġux rispettati.

Mid-data tal-ħruġ, dawn ir-regoli se japplikaw għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jixtiequ jwettqu attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet tar-Renju Unit.

Id-dħul ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni huwa soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403. F'dan ir-rigward, bastimenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jwettqu attivitajiet ta' sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni biss jekk ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikoli 32 sa 34 tar-Regolament (UE) 2017/2403 u sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra f'dak it-Titolu, speċjalment l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2017/2403, li jistabbilixxi r-regoli dwar il-miżuri ta' kontroll u infurzar fir-rigward ta' attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz.

Mid-data tal-ħruġ, dawn ir-regoli se japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit li jixtiequ jwettqu attivitajiet ta' sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni⁶.

2. L-IŻBARKI U L-EWWEL BEJGĦ TAL-PRODOTTI TAS-SAJD

L-aċċess għal portijiet ta' pajjiżi terzi, inklużi s-servizzi tal-port u l-installazzjonijiet tal-ewwel stadju tal-bejgħ fis-suq, u l-ħatt tal-qabda f'dawk il-portijiet minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE huma soġġetti għar-regoli fil-pajjiż terz. Mid-data tal-ħruġ, il-bastimenti tal-Unjoni li jkunu jixtiequ jiżbarkaw fir-Renju Unit se jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli fir-Renju Unit.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, ĠU L 347, 28.12.2017, p.81.

⁶ Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1005/2008, "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment ta' kull daqs li jintuża jew hu maħsub biex jintuża għall-finijiet ta' sfruttament kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inklużi vapuri ta' sostenn, bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trasbord u bastimenti ta' ġarr mgħammrin għat-trasportazzjoni ta' prodotti tas-sajd, ħlief għal-bastimenti tal-kontejners.

L-aċċess għall-portijiet tal-Istati Membri tal-UE, inklużi il-provvediment ta' servizzi tal-port u l-użu tal-installazzjonijiet tal-ewwel stadju tal-bejgħ fis-suq, kif ukoll it-twettiq ta' operazzjonijiet marbuta mal-iżbark jew it-trasbord f'dawk il-portijiet għandhom ikunu pprojbiti għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz sakemm ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima I tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008⁷. Mid-data tal-ħruġ, dawn ir-regoli se japplikaw għal bastimenti tar-Renju Unit li jixtiequ jiżbarkaw fl-Unjoni.

Dan li ngħad hawn fuq huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-liġi internazzjonali tal-baħar applikabbli f'każijiet ta' *force majeure* u diffikultà.

3. IMPORTAZZJONI U ESPORTAZZJONI TAL-PRODOTTI TAS-SAJD U TAL-AKKWAKULTURA

3.1. Notifika tal-Istat tal-Bandiera u ċertifikazzjoni tal-qabda

Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, sabiex prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz⁸ jiġu esportati lejn l-UE, il-Kummissjoni trid tkun irċeviet notifika mill-Istat tal-bandiera. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan japplika għar-Renju Unit.

Il-prodotti tas-sajd⁹ jistgħu jiġu importati fl-UE biss meta akkumpanjati b'ċertifikat tal-qabda (l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008). Iċ-ċertifikat tal-qabda li jrid jiġi ikkonfermat mir-Renju Unit irid jiċċertifika li l-qabdiet ikkonċernati saru f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli. Iċ-ċertifikat tal-qabda irid ikun ġie ikkonfermat mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit u, fejn meħtieġ, akkumpanjat b'dokumenti oħra previsti mill-iskema ta' ċertifikazzjoni fil-każ ta' importazzjoni indiretta wara trasbord, transitu jew ipproċessar tal-prodotti f'pajjiż terz ieħor (l-Artikoli 14 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008).

L-esportazzjoni tal-qabdiet magħmula minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni lejn ir-Renju Unit se tkun ukoll soġġetta għall-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda jekk ir-Renju Unit jiċċertifika lill-Kummissjoni Ewropea, permezz ta' notifika, li għandu fis-seħħ arranġamenti rilevanti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar, u li għandu awtoritajiet pubbliċi li għandhom is-setgħa jivverifikaw iċ-ċertifikati (l-Artikoli 15 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008).

⁷ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad- 29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ĠU L 286, 29.10.2008, p. 13

⁹ F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament 1005/2008, "prodotti tas-sajd" tfisser kull prodott li jaqa' taħt il-Kapitolu 3 u l-Intestaturi tat-tariffi 1604 u 1605 tan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, bl-eċċezzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

3.2. Informazzjoni għall-konsumatur, tikkettar u rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni

Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mqiegħda fis-suq tal-UE huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi tas-suq stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013¹⁰, li jinkludu r-rekwiżiti speċifiċi ta' informazzjoni għall-konsumatur (il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013) u l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013). Ir-regoli jinkludu wkoll il-projbizzjoni li jinbiegħ ħut iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, għal konsum dirett mill-bniedem.

Minbarra dawn ir-rekwiżiti speċifiċi għas-setturi dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, japplikaw ir-rekwiżiti orizzontali fil-liġi tal-ikel tal-UE¹¹.

Dawn ir-regoli, kemm jekk huma speċifiċi għas-settur, kif ukoll daww orizzontali, japplikaw għall-ikel kollu imqiegħed fis-suq tal-UE, indipendentement mill-post fejn jiġi prodott l-ikel.

Fir-rigward tal-akkwakultura organika, għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-EU-27, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet u l-korpi ta' kontroll fir-Renju Unit ma jibqgħux iktar validi¹².

4. ORGANIZZAZZJONIJIET PROFESSIONALI

L-organizzazzjonijiet ta' produttori tas-sajd u tal-akkwakultura stabbiliti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali stabbiliti skont l-Artikolu 11 tal-istess Regolament jistgħu jiffunzjonaw fl-Unjoni u jissodisfaw il-kompiti stipulati bil-liġi tal-Unjoni biss jekk jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri f'konformità mat-Taqsima II tal-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament. Mid-data tal-ħruġ, l-organizzazzjonijiet ta' produttori u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fir-Renju Unit fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 mhux se jibqgħu jitqiesu organizzazzjonijiet professjonali skont il-liġi tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

¹¹ Ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-liġi tal-ikel" (https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en).

¹² Għad-dettalji, ara "Avviż lill-partijiet ikkonċernati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-liġi tal-ikel" (https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en).